

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 163/2012****tat-23 ta' Frar 2012****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll tal-ovalbumina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika] <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 dwar is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin [ovalbumina] u l-lactalbumin <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 <sup>(3)</sup> li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali ta l-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd [ovalbumina].
- (2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi

għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-ovalbumina, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

- (3) B'riżultat ta' dan ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi emendat.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li r-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (5) Il-miżuri pprovdu ti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.<sup>(3)</sup> ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

## ANNEX

## "ANNEX I

Kodiċi tan-NM	Isem il-merkanzija	Prezz rappreżentattiv (€EUR/100 kg)	Garanzija msem- mija fl- Artikolu 3(3) (€EUR/100 kg)	Oriġini <sup>(1)</sup>
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati	124,1	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati	140,1 133,6	0 0	AR BR
0207 14 10	Qatgħat dissussati ta' sriedak jew ta' tiġieġ, iffriżati	285,6 223,3 322,7	4 23 0	AR BR CL
0207 14 50	Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati	222,0	0	BR
0207 27 10	Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati	315,3 415,6	0 0	BR CL
0408 11 80	Isfra tal-bajd imnixxfin	314,4	0	AR
0408 91 80	Bajd imnixxfin mhux fil-qoxra	337,5	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ	306,1 353,6	0 0	BR CL
3502 11 90	Albumini tal-bajd imnixxfin	522,3	0	AR

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta oriġini 'oħra'.